MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Frar, 2007

Numru 437/2005

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Paul Calleja

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Paul Calleja detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 2654(M), akkuzat talli nhar l-1 ta’ Mejju 2005 ghall-habta tal-10:20 hrs gewwa Triq il-Mosta kantuniera ma’ Triq Agostino Portelli, f’Hal-Lija:

1. nsolenta, hedded u fizikament aggredixxa lil Charles Gafa, ufficjal ta l-infurzar, impjegat ta’ l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar u kwindi persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku u dan bil-hsieb li jbezza u jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta dan is-

servizz f'sit f'Hal-Lija, u kif ukoll talli jpprova jfixkel lill-istess ufficjal ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ezekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu skond il-Ligi, u dan kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 56(1)(d) ta' l-Att I tan-1992 ta' l-izvilupp kif emendat;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni, izda li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, permezz ta' xi arma, strument jew ghodda ohra u cioe' mazza jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Charles Gafa', persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tal-hati, u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1)(a), 64, 95, 96, 214, 216, 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Charles Gafa' skond kif iccertifikaw Dr Sarah Vella MD mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u Dr Agnes Cachia Pickard mill-Isptar San Luqa u dan bi ksur ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostazni hebb ghal Charles Gafa sabiex jingurjah, iddejjqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kiser l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. fl-istess data, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u dan bi ksur ta' l-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas l-gieh ta’ Charles Gafa wegghu bi kliem, b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imbotta lill-imsemmi Charles Gafa sabiex jwegghu jew jinsulentah u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 339(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta mill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat f’din l-ewwel udjenza jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li din il-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Huwa intuibbli mill-istqarrija tal-imputat esebita in atti illi l-incident li ta lok ghal dawn il-proceduri seta’ facilment jigi evitat b’daqsxejn bon sens u kortesija u dan sija min-naha tal-imputat u kemm min-naha tal-persuna leza. Sfortunatament dawn l-attribuiti gew nieqsa kompletament fil-kaz in disamina u sehh l-incident li ta lok ghall-imputat li jigi mixli bl-akkuzi odjerni.

Intant l-imputat qieghed jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni hu baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra. Dwar il-piena din il-Qorti mhiex tal-fehma li ghandha timponi terminu ta’ prigunerija effettiva nonostante l-fedina penali xejn edifikanti tal-imputat.

Rat l-artikolu 41(1)(a), 64, 95, 96, 214, 216, 217, 221(1), 339(d)(e), 338(dd), 338(bb), 252(1), 339(1), 17 u 31 tal-Kap 9 u l-artikolu 56(1)(d) tal-Att 1/1992 u tikkundannah komplessivament prigunerija ghal tmien xhur li fuq l-iskorta tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal sena mill-lum sakemm l-imputat ma jaghmilx reat iehor f’dan il-perjodu operattiv u tikkundannah multa ta’

Lm500 li tordna li tithallas b'pagamenti mensili u rateali ta' Lm25 kull pagament bid-dekadenza fin-nuqqas anka ta' pagament wiehed u bl-ewwel pagament fl-ahhar ta' Marzu 2007, konvertibbli altrementi f'xahrejn prigunerija.

Rat l-Artikolu 383 tal-Kap 9 u torbot lill-imputat li ma jimmolestax lil Charles Gafa taht penali ta' Lm100 ghal zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------